

Brussell, 11 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13976/20

ENER 492
RECH 517
IND 266
CLIMA 348

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	11 ta' Diċembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13714/20 +COR1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Lejn suq tal-idroġenu għall-Ewropa"

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Lejn suq tal-idroġenu għall-Ewropa", approvati permezz ta' proċedura bil-miktub mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-11 ta' Diċembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill**Lejn suq tal-idroġenu għall-Ewropa****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA****1 FILWAQT LI JFAKKAR**

- 1.1 Li l-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 approva l-oġettiv li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050 u f'dan il-kuntest ħa nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li għandu l-għan li jagħmel lill-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050, billi jindirizza t-telf tal-bijodiversità, it-tniġġis u billi jirrifirma l-ħela fl-użu tar-riżorsi billi jimxi lejn ekonomija aktar ċirkolari.
- 1.2 Li bir-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE u l-Istati Membri tagħha qablu li jippreżentaw kontributi determinati fil-livell nazzjonali biex inaqqsu malajr l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura globali għal ferm inqas minn 2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, filwaqt li jkomplu bl-isforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1.5°C.
- 1.3 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-futur tas-sistemi tal-enerġija fl-Unjoni tal-Enerġija biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni tal-enerġija u l-kisba tal-oġettivi enerġetiċi u klimatiċi lejn l-2030 u lil hinn minnha, li jenfasizzaw l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sikuri u sostenibbli li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni; il-promozzjoni tal-akkoppjament tas-setturi u l-integrazzjoni tas-setturi; it-tneħħija ta' ostakli regolatorji; u l-ħtieġa li jiġi vvalutat il-potenzjal tal-idroġenu, b'mod partikolari minn sorsi rinnovabbli, bil-ħsieb li jsir l-aħjar użu mill-infrastrutturi tal-gass eżistenti tal-UE f'sistema tal-enerġija dekarbonizzata.

- 1.4 L-għadd dejjem jikber u l-ambizzjoni tal-istrateġiji nazzjonali reċenti dwar l-idroġenu tal-Istati Membri, kif ukoll tal-inizjattivi reġjonali dwar l-idroġenu u l-importanza tal-implimentazzjoni ta' strateġija koerenti u komplementari fil-livell tal-Unjoni.
- 1.5 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija għall-Idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima bil-għan li tinbena sistema tal-enerġija integrata adatta għan-newtralità klimatika u li tiddeskrivi pjan direzzjonali dwar l-idroġenu għall-UE b'objettivi, fost l-oħrajn, għal titjib u użu tal-elettroliżi, li ttejjeb il-kosteffettività tal-idroġenu b'mod partikolari prodott bl-elettroliżi, aġenda ta' investiment korrispondenti, proposti biex tingħata spinta lill-provvista u d-domanda u elementi għal qafas tas-suq u tal-infrastruttura, kollha inkorporati f'perspettiva olistika tal-potenzjalitajiet ta' sinerġiji aktar b'saħħithom bejn portaturi tal-enerġija u setturi tal-użu finali.
- 1.6 L-inizjattiva tal-Idroġenu ta' Linz appoġġata mill-Istati Membri kollha u l-Kummissjoni Ewropea kif ukoll għadd kbir ta' atturi ewlenin tal-enerġija u l-industrija f'Settembru 2018, li tenfasizza l-potenzjalitajiet tat-teknoloġija sostenibbli tal-idroġenu għad-dekarbonizzazzjoni ta' diversi setturi, għas-sistema tal-enerġija u għas-sigurtà tal-enerġija fit-tul tal-UE.
- 1.7 L-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni pan-Ewropea permezz tal-ftuħ, is-sħubija, l-inklużività, id-diversità u t-trasparenza u li żżid il-katina tal-valur tal-idroġenu madwar l-Ewropa billi tistabbilixxi sensiela robusta ta' proġetti li tiffoka fuq il-kisba ta' Ewropa newtrali għall-klima.
- 1.8 Ir-rwol tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu bħala eżempju eċċellenti ta' sħubiji pubbliċi-privati fil-ktajjen ta' valur tal-idroġenu, jiġifieri għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni.

- 1.9 Li r-rapport tal-2020 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija mill-Kummissjoni Ewropea wera l-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tnaqqis osservat fl-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa sabiex jissaħħaħ il-potenzjal tat-tkabbir sostenibbli fit-tul b'enfasi fuq l-industriji u l-innovaturi fl-UE li ser jiżviluppaw it-teknoloġiji nodfa meħtieġa u li jistgħu jippromwovuhom madwar id-dinja.
- 1.10 Li l-Forum Strateġiku għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) għażel "Teknoloġiji u Sistemi tal-Idroġenu" bħala waħda mill-ktajjen ta' valur strateġiċi, li huma essenzjali biex jittejbu l-kompetittività u s-sostenibbiltà futuri tal-UE.
- 1.11 Ir-rwol ċentrali tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) għall-irkupru ekonomiku u għall-prijoritizzazzjoni tal-investimenti futuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-UE għall-2030 kif ukoll il-mira tan-newtralità klimatika tal-UE għall-2050.
- 1.12 L-inizjattiva Enerġija Nadifa għall-Gżejjer tal-UE li għandha l-għan li tавvanza t-tranżizzjoni tal-enerġija fil-Gżejjer Ewropej.

2 FILWAQT LI JIRRIKONOXXI

- 2.1 Li l-UE, bis-suq intern tal-enerġija tagħha, inkluż il-leġislazzjoni dwar l-enerġija, b'mod partikolari l-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha, tinsab f'pożizzjoni tajba biex twassal għal kompetizzjoni, aktar użu tal-effiċjenza enerġetika, sorsi tal-enerġija rinnovabbli u sigurtà mtejbja tal-enerġija fl-Ewropa u tagħti prova tad-dedikazzjoni tagħha għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li tirrispetta l-għażla tal-Istati Membri fl-indirizzar tal-faqar enerġetiku u d-deċizzjoni sovrana tagħhom li jiddeċiedu dwar it-taħlita enerġetika tagħhom.
- 2.2 Li s-settur tal-enerġija ser ikollu rwol sinifikanti fil-kontribut għall-irkupru ekonomiku tal-Ewropa wara l-COVID-19, li jwassal għal tranżizzjoni ġusta lejn tkabbir sostenibbli u newtralità klimatika u li jagħmel użu mill-opportunitajiet u l-istimolu għall-modernizzazzjoni u t-trasformazzjoni billi jippermetti lill-investituri privati u pubbliċi jibbażaw id-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom fuq it-teknoloġiji meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija dekarbonizzata.

- 2.3 Li l-iffrankar tal-enerġija u l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, l-użu dirett ta' sorsi rinnovabbli kif ukoll l-elettrifikazzjoni, b'mod partikolari minn sorsi rinnovabbli, huma miżuri effettivi u kosteffiċjenti biex nersqu sostanzjalment lejn in-newtralità klimatika fis-setturi rilevanti kollha.
- 2.4 Li hemm oqsma tal-użu tal-fjuwil fit-trasport u fl-industrija (inkluż bħala materja prima) li huma diffiċli biex jiġu ddekarbonizzati għajr billi jaqilbu għall-idroġenu jew il-fjuwils bbażati fuq l-idroġenu, il-materja prima jew is-sustanzi kimiċi.
- 2.5 Il-valur miżjud li l-produzzjoni tal-idroġenu mill-elettroliżi, b'mod partikolari meta jintuża l-elettriku minn sorsi rinnovabbli intermettenti, jista' jkollha għat-tħaddim effiċjenti u stabbli tas-sistema tal-enerġija, filwaqt li tipprovd i għażliet ta' ħżin fit-tul tal-enerġija u flessibbiltà addizzjonali għall-ibbilanċjar tas-suq u tas-sistema, flimkien ma' opzjonijiet oħra ta' flessibbiltà, bħall-ġestjoni min-naħa tad-domanda u l-ħżin tal-enerġija.
- 2.6 Il-ħtieġa li jkomplu jiġu inċentivati u pprovduti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-investimenti futuri fid-dekarbonizzazzjoni, inkluż permezz tar-reviżjoni tal-EU ETS u r-regoli rilevanti tal-UE dwar l-ġajnuna mill-Istat.
- 2.7 Ir-rwol ewlieni tal-UE fir-riċerka u l-iżvilupp, f'teknoloġiji tal-enerġija sostenibbli, bħal pereżempju fl-elettrolizzaturi, fl-innovazzjoni industrijali u fl-utilizzazzjoni tal-idroġenu, li lkoll huma prerekwiżiti importanti sabiex għadd ta' industriji intensivi fl-enerġija kif ukoll xi setturi tat-trasport ikunu jistgħu jiddekarbonizzaw b'mod sostenibbli u kosteffettiv billi jaqilbu għall-idroġenu, preferibbilment minn sorsi rinnovabbli, bħala materja prima, bħala fjuwil jew meta jkun fattibbli bħala bażi għal gassijiet jew likwidi sintetiċi f'ċikli ġodda ta' investiment.
- 2.8 Li hemm firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet għall-idroġenu u għad-derivattivi tiegħu f'każijiet fejn l-użu dirett tal-idroġenu mhuwiex possibbli iżda minħabba l-ispiża għolja attwali u d-disponibbiltà limitata tal-idroġenu, għandha tingħata preferenza lil oqsma li diġà waslu qrib il-vijabbiltà kummerċjali, fejn l-użu tal-idroġenu u d-derivattivi tiegħu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u huwa effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u fejn l-effetti lock-in kbar jistgħu jiġu evitati, jew li ma jistgħux jiġu dekarbonizzati b'modi oħra.

- 2.9 Li r-raggruppamenti tal-idroġenu lokali, bħal "Hydrogen Valleys" huma punt tat-tluq effiċjenti għall-użu ta' teknoloġiji tal-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sikuri u sostenibbli u applikazzjonijiet fuq skala kbira, filwaqt li jirrappreżentaw ekosistemi xierqa biex jiġi rilaxxat il-potenzjal tal-ktajjen tal-valur tal-UE.
- 2.10 Li l-infrastruttura interkonnessa għat-trażmissjoni u l-ħżin tal-gass fl-UE toffri, fejn rilevanti, firxa ta' opportunitajiet futuri għat-trażmissjoni tal-idroġenu.
- 2.11 Li hemm modi differenti ta' trasport tal-idroġenu kif ukoll approċċi raggruppati għall-produzzjoni u l-konsum li jistgħu jkunu effiċjenti u jipprovdu opzjonijiet affidabbli ta' ħżin u provvista, inkluż l-idroġenu likwifikat jew l-idroġenu inkorporat f'portaturi oħra tal-enerġija.
- 2.12 Li hemm teknoloġiji differenti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sikuri u sostenibbli għall-produzzjoni tal-idroġenu li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni rapida.
- 2.13 Li jenħtieġ li ssir enfasi fuq l-idroġenu minn sorsi rinnovabbli fid-dawl tar-rwol ewlieni tiegħu għall-kisba tal-oġġettiv ta' dekarbonizzazzjoni, u li d-domanda addizzjonali għal enerġija rinnovabbli mill-użu tal-idroġenu minn sorsi rinnovabbli ser ikollu jitqies fl-ippjanar u l-użu ulterjuri ta' kapaċità addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli.
- 2.14 Il-valur miżjud tal-appoġġ għaż-żieda rapida tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-idroġenu fl-UE u madwar id-dinja biex jinkisbu ekonomiji ta' skala għall-istabbiliment ta' suq kompetittiv u likwidu u biex jiġu attirati l-investimenti meħtieġa.
- 2.15 L-opportunitajiet biex jiġu sfruttati l-potenzjalitajiet konsiderevoli tal-enerġija rinnovabbli fl-UE u fil-pajjiżi mhux tal-UE u b'hekk mhux biss titwessa' u tiġi diversifikata l-bażi tal-provvista tal-enerġija Ewropea iżda wkoll jinħolqu swieq ġodda għall-esportazzjoni tat-teknoloġija u jiġu assistiti l-pajjiżi terzi fit-tranżizzjoni tal-enerġija tagħhom.
- 2.16 Li, speċjalment fir-rigward tal-emissjonijiet inevitabbli minn proċessi u l-ikkomplementar temporanju tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli biex jitzkabbar is-suq tal-idroġenu, il-qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS) u l-għbir, użu u ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCUS) jista' jkollhom rwol għad-dekarbonizzazzjoni għall-Istati Membri li jagħżlu din it-teknoloġija.

3 FILWAQT LI JAGĦMEL UŻU MINN

- 3.1 Il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima kif ukoll l-istrategġiji nazzjonali ddedikati għall-idroġenu biex jiġu identifikati l-potenzjalitajiet għall-aċċellerazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prattiki, jinstabu perkorsi komuni, titrawwem il-kooperazzjoni reġjonali u jiġu allinjati l-azzjonijiet fil-livell tal-UE ma' dawk tal-Istati Membri, filwaqt li jiġu rrispettati l-punti ta' tluq u l-potenzjali differenti tagħhom.
- 3.2 Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika lejn il-kisba tal-aktar miri klimatiċi reċenti tal-Unjoni għall-2030 u l-konformità mal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 billi jrawmu investimenti fil-ħolqien ta' swieq ewlenin tal-idroġenu fl-Ewropa u jappoġġaw lill-Istati Membri biex iżidu d-domanda u l-provvista tal-idroġenu, bil-għan li jissostitwixxu l-użu ta' trasportaturi tal-enerġija b'użu intensiv tal-karbonju.
- 3.3 Id-dispożizzjonijiet tal-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha li jippromwovi l-iżvilupp ta' garanziji tal-orġini għal traċċabbiltà aħjar tal-idroġenu minn sorsi rinnovabbli, il-promozzjoni ta' fjuwils rinnovabbli ta' orġini mhux bijoloġika fit-trasport bil-għan li jkun hemm addizzjonalità, u remunerazzjoni ġusta tal-flessibbiltà u tas-servizzi tas-sistema kif jista' jiġi pprovdut minn settur tal-idroġenu integrat sewwa.
- 3.4 Is-suq intern tal-enerġija tal-UE għat-tkabbir tal-produzzjoni tal-idroġenu bil-ħsieb li b'mod konġunt jinkisbu ekonomiji ta' skala, li jippermettu diversi mudelli kummerċjali, kif ukoll għat-twessigħ tad-disponibbiltà tal-provvisti tal-enerġija u tal-materja prima, l-iżvilupp ta' modi ta' trasport u infrastruttura tal-ħżin u l-għoti ta' opportunità lill-konsumaturi biex jagħmlu użu minn dan il-bdil tal-fjuwil, fejn xieraq.

- 3.5 L-Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2020 b'inizjattivi li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni doppja u l-kisba tal-awtonomija strateġika filwaqt li jippreservaw ekonomija miftuħa kif ukoll miżuri biex jagħtu prijetà lil u jaċċelleraw inizjattivi li jiġġeneraw postijiet tax-xogħol, jagħtu spinta lill-attività innovattiva u jsaħħu l-kompetittività u t-tneġġja tal-Forum Industrijali l-ġdid, li ser janalizza l-ekosistemi industrijali u l-ktajjen tal-valur u jaħdem fuq ir-rieżami, l-iżvilupp, l-aċċellerazzjoni u l-koordinazzjoni b'mod komuni tal-inizjattivi eżistenti.
- 3.6 L-EU ETS, li miexja lejn inċentiv komprensiv biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, li timmonetizza l-esternalitajiet, filwaqt li tevita r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tiżgura l-kompetittività tal-industriji Ewropej.
- 3.7 Ir-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti tal-UE biex jippermettu l-iżvilupp ta' modi effiċjenti ta' ħżin u trasport u opzjonijiet infrastrutturali, fejn meħtieġ.
- 3.8 Il-qafas legali u l-prinċipji tas-suq intern tal-enerġija tal-UE biex jiġu żgurati l-kompetizzjoni, il-prezzijiet affordabbli u s-sigurtà tal-provvista bħala bażi għall-iżvilupp ta' approċċ personalizzat għar-regolamentazzjoni tas-settur tal-idroġenu u biex trawwem suq tal-idroġenu tal-UE likwidu u kontestabbli.
- 3.9 L-opportunitajiet għal skopijiet ġodda għan-networks tal-gass naturali Ewropej interkonnessi u tal-infrastruttura tal-ħżin eżistenti, biex potenzjalment jipprovdu l-baży għal infrastruttura trans-Ewropea tal-idroġenu li għandha tiġi żviluppata b'mod sostenibbli, kosteffettiv u kkoordinat fir-rigward taċ-ċentri ewlenin ta' produzzjoni u konsum, kif xieraq, filwaqt li jiġi rikonoxxut li r-raggruppamenti tal-idroġenu jirrappreżentaw opzjoni immedjata fuq terminu qasir u medju biex jiġu implimentati soluzzjonijiet tal-idroġenu.

- 3.10 Ktajjen tal-valur internazzjonali, li jibnu fuq is-sħab u r-rotot kummerċjali affidabbli u l-kooperazzjoni internazzjonali disponibbli u s-sħubijiet barra mill-Ewropa bħala potenzjal għal idroġenu rinnovabbli kost-kompetittiv, li jikkontribwixxu wkoll għall-avvanz tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli f'dawk il-pajjiżi, filwaqt li jiġu salvagwardjati kondizzjonijiet ekwivalenti ekonomiċi u ambjentali għall-produzzjoni Ewropea tal-idroġenu.
- 3.11 Strumenti ta' kooperazzjoni li jippermettu proġetti ta' investiment transkonfinali konġunt fuq skala kbira bħal f'IPCEI dwar l-idroġenu jew billi jsir użu minn offerti konġunti skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli 2018/2001 għall-produzzjoni tal-idroġenu minn sorsi rinnovabbli u billi jsir użi mill-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għal dan il-proċess billi jikkoordinaw l-isforzi, jipprovdu linji gwida u billi jqisu d-diffikultà li jiġi stabbilit suq tal-idroġenu filwaqt li tinżamm il-kompetittività internazzjonali.
- 3.12 Formati ta' sħubija ġodda ma' partijiet ikkonċernati internazzjonali privati u pubbliċi biex tiġi żviluppata sensiela ta' proġetti ta' investiment sostenibbli tul il-katina tal-valur tal-idroġenu, pereżempju fi ħdan l-oqfsa tal-Missjoni Innovazzjoni u l-Forum Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa, kif ukoll tal-kooperazzjoni f'istituzzjonijiet internazzjonali, fejn rilevanti, bħall-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) jew l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA).

4 JIDENTIFIKA L-ĦTIEĠA

- 4.1 Li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jintensifikaw il-ħidma fuq l-integrazzjoni tas-settur, inkluż it-titjib fl-effiċjenza enerġetika, l-elettrifikazzjoni diretta u r-rwol u l-kontribut tal-idroġenu, b'mod partikolari minn sorsi rinnovabbli għad-dekarbonizzazzjoni, l-irkupru u l-kompetittività.
- 4.2 Biex is-suq għall-idroġenu jżdied b'mod rapidu fil-livell tal-UE b'mod sostenibbli u kosteffettiv immirat b'mod partikolari lejn dawk is-setturi li huma diffiċli biex jiġu dekarbonizzati permezz ta' mezzi oħra u jintużaw kurvi ta' taġħlim biex progressivament itejbu l-kosteffiċjenza.

- 4.3 Li jiġi żviluppat b'mod attiv il-potenzjal tal-UE għall-idroġenu rinnovabbli mill-elettriku, b'mod partikolari mis-sorsi rinnovabbli l-aktar kosteffettivi.
- 4.4 Li jiġi inċentivat l-investment privat, fost l-oħrajn, permezz ta' istituzzjonijiet, fondi u strumenti finanzjarji eżistenti tal-UE bħall-Bank Ewropew tal-Investment, il-Pjan ta' Investment għal Ewropa Sostenibbli, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa kif ukoll permezz tat-tfassil ta' strumenti innovattivi, eż. kuntratti għad-differenza għall-karbonju (CCfDs), li jikkontribwixxu għall-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050.
- 4.5 Li jiġu żviluppati pjan direzzjonali u strateġija viżjonarji u ambizzjużi għan-newtralità klimatika fis-setturi tal-użu finali fir-rigward tal-idroġenu kif ukoll id-derivattivi tiegħu, li jirrispettaw l-approċċi settorjali u reġjonali u li jirrikjedu soluzzjonijiet ta' politika flessibbli, li tikkontribwixxi għall-oġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050.
- 4.6 Li jiġu vvalutati l-opzjonijiet infrastrutturali filwaqt li jitqiesu x-xejriet differenti tal-użu fir-rigward tal-provvista effiċjenti u affordabbli tal-idroġenu domestiku u, fejn meħtieġ, dak importat u d-derivattivi tiegħu u l-impatt fuq id-disinn tal-oqfsa regolatorji u tal-kompetizzjoni.
- 4.7 Li jiġi stabbilit approċċ integrat għall-ippjanar tan-network għat-trasportaturi kollha tal-enerġija, filwaqt li jitqiesu l-produzzjoni, it-trasport, il-ħżin u l-użu, preferibbilment bl-użu ta' infrastrutturi tal-UE li jingħataw skop ġdid għat-trasport bl-idroġenu, filwaqt li jiġi żgurat il-prinċipju tas-sussidjarjetà.
- 4.8 Biex jiġu vvalutati soluzzjonijiet speċifiċi f'reġjuni li bħalissa huma iżolati, periferali jew inqas konnessi, bħall-gżejjer, għall-iżvilupp ta' suq sostenibbli tal-idroġenu u l-infrastruttura relatata tiegħu.
- 4.9 Li jsir użu attiv mill-esternalitajiet pożittivi tal-produzzjoni domestika tal-idroġenu rinnovabbli għall-integrazzjoni tas-sistema billi jitneħħew il-potenzjalitajiet tal-effiċjenza u l-flessibbiltà filwaqt li tiġi evitata l-konġestjoni tan-network u b'hekk jiġu permessi porzjonijiet oġhla ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli.

- 4.10 Li jiġu vvalutati r-rekwiżiti ta' qafas tad-disinn tas-suq għal suq tal-idroġenu trasparenti, kompetittiv u likwidu, li jiżgura l-integrità tas-swieq interni tal-gass u tal-elettriku u tariffi tan-network ġusti filwaqt li jippermetti l-flessibbiltà ta' mudelli tan-negozju.
- 4.11 Li jitqies b'mod adegwat ir-rwol ta' appoġġ tal-ipprezzar tal-karbonju, filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u kompetittività internazzjonali.
- 4.12 Li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn is-setturi u t-trasportaturi tal-enerġija fir-rigward tat-tariffi tan-network, it-taxxi u l-imposti.
- 4.13 Li jiġu promossi investimenti fi proġetti ta' riċerka u innovazzjoni fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali bil-għan li jisfruttaw il-potenzjal tal-idroġenu sabiex tiżdied l-effiċjenza u jiġu promossi s-sinerġiji bejn il-programmi Ewropej, nazzjonali u reġjonali, li jikkontribwixxu għall-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050.
- 4.14 Li jitqiesu ċ-ċikli ta' investiment fis-setturi tal-enerġija u tal-industrija biex jiġu evitati effetti lock-in u investimenti mitlufa.
- 4.15 Li l-konsumaturi jingħataw għażla billi jiżvelaw l-orijini tal-gassijiet, is-CO₂ tagħhom u impronti oħra tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu inkluż it-trasport kif ukoll il-mod ta' produzzjoni tagħhom u t-taħlita ġenerali tal-fjuwil, bil-għan ta' standard tal-UE, filwaqt li jiżguraw it-traċċabbiltà tul il-katina tal-valur u jagħmlu użu mill-isforzi ta' standardizzazzjoni li diġà saru.
- 4.16 Li jsir użu mill-potenzjal għall-produzzjoni domestika tal-idroġenu, filwaqt li tiġi approfondita aktar il-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-idroġenu, biex jissaħħu l-isforzi għall-produzzjoni u l-importazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari, speċjalment fejn is-sħab għandhom potenzjalitajiet għolja ta' enerġija rinnovabbli u b'hekk jindirizzaw il-katina tal-valur kollha kemm hi u jimmiraw għall-ħolqien ta' suq tal-idroġenu globali, kompetittiv, likwidu u sostenibbli filwaqt li jnaqqsu d-dipendenzi mill-importazzjoni.

5 JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA

- 5.1 Biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-Ewropa bħala mexxejja fl-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali billi jsir użu sħiħ mill-potenzjal taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), billi ssaħħaħ is-sħubijiet u tiżgura mezzi adegwati għar-riċerka u l-iżvilupp u l-użu tat-teknoloġiji meħtieġa u billi tiffaċilita l-investimenti, fost l-oħrajn permezz ta' regoli riveduti dwar l-għajnuna mill-Istat.
- 5.2 Biex tkompli tiġi elaborata u operazzjonalizzata l-istrateġija tal-UE dwar l-idroġenu, li tiddekrivi t-triq lejn l-oġettivi tal-pjan direzzjonali bl-għajnuna ta' programmi konġunti u b'mod kosteffiċjenti filwaqt li tiġi rispettata l-prijorità tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", l-użu dirett tal-enerġija rinnovabbli u l-elettrifikazzjoni, b'mod partikolari minn sorsi rinnovabbli.
- 5.3 Biex tappoġġa u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-ktajjen tal-valur strateġiċi, b'mod partikolari d-disinn ta' IPCEI wieħed jew aktar dwar l-idroġenu, u biex tiżgura aġġornamenti regolari lill-Kunsill dwar il-progress tal-IPCEIs dwar l-idroġenu u l-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif u gwida dwar l-interpretazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, speċjalment dwar l-Artikolu 23 tal-Komunikazzjoni (2014/C 188/02).
- 5.4 Biex tiżviluppa qafas komprensiv ta' klassifikazzjoni u ċertifikazzjoni għat-trasportaturi tal-enerġija gassuża, inkluż għall-idroġenu u d-derivattivi tiegħu, mill-produzzjoni domestika u importata, li jinkludi informazzjoni dwar is-sostenibbiltà kif ukoll is-CO₂ u impronti oħra tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu inkluż it-trasport kif ukoll il-mod ta' produzzjoni tagħhom u t-taħlita ġenerali tal-fjuwil u biex tiżgura t-traċċabbiltà.
- 5.5 Biex tiżviluppa metodoloġija tal-Unjoni affidabbli u fattibbli li għandha tiġi applikata fejn l-elettriku jintuża għall-produzzjoni ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika biex jintużaw fit-trasport abbażi ta' kriterji xierqa kif previst fid-Direttiva 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli inkluż il-kriterji tal-addizzjonalità.

- 5.6 Biex tiddeskrivi approċċi biex jiġu evitati spejjeż ta' investimenti mitlufa u tiżgura li t-tranżizzjoni ma tiġix imxekkla minn effetti lock-in.
- 5.7 Biex tieħu kont tal-opportunità għat-titjib tas-sigurtà tal-provvista billi jiġu sfruttati l-potenzjalitajiet tal-produzzjoni tal-UE, permezz ta' aktar diversifikazzjoni tal-opportunitajiet ta' importazzjoni u tnaqqis ġenerali tad-dipendenza mill-importazzjoni, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-affidabbiltà tas-sħubijiet tal-enerġija eżistenti.
- 5.8 Biex trawwem il-ħolqien ta' raggruppamenti tal-idroġenu madwar l-UE, b'mod partikolari għas-setturi tal-użu finali li diffiċli jiġu dekarbonizzati, filwaqt li l-Istati Membri jiġu appoġġati biex fuq żmien twil jikkollegaw dawn ir-raggruppamenti, filwaqt li jitneħħa l-potenzjal tas-sistemi tal-gass naturali għal konverżjoni gradwali f'sistemi bbażati fuq l-idroġenu, fejn meħtieġ.
- 5.9 Biex ittejjeb il-qafas għall-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network (TYNDP) biex jinkludi l-idroġenu gassuż kif ukoll l-interfaċċi ta' integrazzjoni effiċjenti bejn l-ippjanar tan-networks tal-idroġenu, tal-gass ibbażat fuq il-metan u tal-elettriku.
- 5.10 Biex tuża r-reviżjoni li jmiss tar-Regolament dwar in-Network Trans-Ewropew tal-Enerġija (TEN-E) biex tallinja l-kontenut tiegħu mal-Patt Ekoloġiku Ewropew sabiex jikkontribwixxi għan-newtralità klimatika sal-2050 u b'hekk jappoġġa l-iżvilupp ta' grilja tal-idroġenu ddedikata fejn iġġustifikata minn domanda affidabbli u sostenibbli, preferibbilment abbażi ta' skop ġdid tal-infrastruttura tal-gass eżistenti¹, fejn din tkun is-soluzzjoni kosteffiċjenti.
- 5.11 Biex jiġi emendat ir-Regolament dwar l-Istatistika tal-Enerġija biex l-idroġenu jiġi inkluż bħala prodott individwali fl-istatistika dwar l-enerġija.
- 5.12 Biex tindirizza r-rwol ta' appoġġ tal-ipprezzar tal-karbonju u biex tivvaluta kif dan jista' jikkontribwixxi aktar għall-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu.
- 5.13 Biex tivvaluta kif l-inċentivi fir-rigward tat-taxxi u l-imposti jwasslu għall-ottimizzazzjoni tas-sistemi u jistgħu jevitaw l-allokazzjoni ħażina tal-investimenti.

¹ Dan it-test jirreferi għal skop ġdid tal-infrastruttura tal-gass eżistenti. Dan ma jippreġudikax l-użu mill-ġdid potenzjali tal-infrastruttura tal-gass li qed tiġi żviluppata jew ippjanata, inkluż dawk il-proġetti li ngħataw status ta' PCI, u għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lill-Istati Membri li mhumiex konnessi man-network trans-Ewropew tal-gass.

- 5.14 Biex tagħmel użu tajjeb mill-prinċipji ewlenin tas-suq intern tal-enerġija biex jiġu żgurati l-kompetittività u s-sinjali ta' investiment ibbilanċjati tajjeb meta jiġi żviluppat approċċ adattat għall-iskop għar-regolamentazzjoni tas-swieq emerġenti tal-idroġenu.
- 5.15 Biex tieħu kont dovut tal-interazzjonijiet bejn il-partijiet differenti tas-sistema tal-enerġija, billi jsir l-aħjar użu mill-effetti ta' appoġġ reċiproku bejn is-setturi tal-idroġenu u tal-elettriku u jiġu appoġġati l-effiċjenza u l-istabbiltà tan-networks.
- 5.16 Flimkien mal-Istati Membri, biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni internazzjonali u tiżviluppa swieq għat-teknoloġiji u l-komoditajiet Ewropej anke fir-rigward tal-ktajjen tal-valur, ir-rotot tan-negozjar u l-istandards globali komuni, inkluż l-istandards u ċ-ċertifikazzjoni ambjentali, anke għall-kummerċ bejn l-Istati Membri bi tranżitu minn pajjiżi terzi.
- 5.17 Li tiżgura, inkluż permezz ta' normi u standards tekniċi, l-interoperabbiltà tas-sistemi tat-trasport u tal-ħżin tal-gass naturali kif ukoll tas-sistemi tat-trasport u tal-ħżin tal-idroġenu, inkluż dawk b'rilevanza transfruntiera u dawk konnessi ma' pajjiżi terzi.
- 5.18 Li tqis il-konklużjonijiet tal-Kunsill attwali meta jiġu riveduti l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Enerġija u l-Ambjent (EEAG), li jikkontribwixxu għan-newtralità klimatika tal-UE fl-2050, b'mod li jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn għall-kompetizzjoni u jitnaqqas ir-riskju ta' tlielaq għas-sussidji bejn l-Istati Membri.
-